MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 809/2014

**360 Food Imports Limited**

**Vs**

**Joseph SAMMUT**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta' Dicembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' hames mija tlieta u erbghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€543.39c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;

Illi l-konvenut j'opera hanut taht l-isem ta' Black Pearl Restaurant u ordna minghand is-socjeta esponenti numru ta' merkanzija;

Illi s-socjeta attrici ikkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' hames mija, tlieta u erbghin ewro u disa u tletin centezmu (€543.39) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija, tlieta u erbghin ewro u disa u tletin centezmu (€543.39c) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

   Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mill-10 ta' Frar 2014 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fil-15 ta' Jannar, 2015 u dan skond ma jirrizulta minn tergo ta' fol. 6 u li la ppreżenta risposta fit-terminu moghti mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Dr. Johnaton Abela, ghas-socjeta rikorrenti ikkonferma bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti fit-Talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li Dr. Johnaton Abela ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija tlieta u erbghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro (€543.39c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-istess intimat.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Abela xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' hames mija tlieta u erbghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro (€543.39c) ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fil-15 ta' Jannar, 2015 (tergo fol. 6) u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija tlieta u erbghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro [€543.39c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------